



14.11.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra  
(2018/0256M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Dantin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li t-trattament preferenzjali mogħti għal ċerti esportazzjonijiet ta' frott u ħaxix mill-Marokk lejn l-UE fl-ambitu tal-ftehim tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka fuq prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati, ħut u prodotti tas-sajd huwa kwistjoni partikolarment sensittiva għall-industrija tal-ortikultura Ewropea;
2. Jenfasizza, barra minn hekk, li fl-opinjoni li Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali adotta fit-13 ta' Lulju 2011 fil-kuntest tal-proċedura għall-approvazzjoni mill-Parlament ta' dak il-ftehim, kien irrakkomanda li l-approvazzjoni tiġi miċħuda;
3. Jikkonstata li l-biċċa l-kbira tal-preokkupazzjonijiet espressi fl-opinjoni li ġiet ivvotata fl-2011, għadhom rilevanti illum mill-perspettiva tal-industrija tal-ortikultura Ewropea, fi żmien ta' diffikultà u volatilità għall-industrija, b'mod partikolari minħabba l-embargo Russu li għadu fis-seħħ u l-issuktar tal-użu tal-agricoltura Ewropea bħala pedina fin-negozjati kummerċjali internazzjonali;
4. Jenfasizza li l-aċċess għas-suq intern tal-UE mill-pajjiżi terzi kollha għandu jkun konformi mar-regoli u mal-istandards tal-UE dwar is-saħħa, is-saħħa tal-pjanti, it-traċċabbiltà u l-ambjent;
5. Jenfasizza li għad hemm problemi maġġuri ta' kompetittività u riskji ta' tagħwiġ tas-suq għall-produtturi Ewropej, minħabba d-diverġenzi kbar fil-konfront tal-produtturi Marokkini f'dak li jirrigwarda l-kosti tal-produzzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards dwar is-saħħa, is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent;
6. Jitlob li l-Kummissjoni tippromwovi ekwivalenza tal-miżuri u l-kontrolli bejn il-Marokk u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-istandards dwar is-saħħa, is-saħħa tal-pjanti, it-traċċabbiltà u l-ambjent, kif ukoll ir-regoli dwar it-tikkettar tal-oriġini, sabiex tiggarrantixxi kompetizzjoni ġusta bejn iż-żewġ swieq;
7. Ifakkar li l-ftehim aġġornat ma jbidilx il-kwoti tar-rata tariffarja u r-reġim ta' importazzjoni preferenzjali li kien ġie stabbilit qabel, u li lill-produtturi Ewropej jipprovdihom biss kjarifika dwar l-ambitu ġeografiku tal-ftehim;
8. Jiddispjaċih għall-fatt li d-dispożizzjonijiet adottati fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (OKS unika), bil-ħsieb li jingħelbu l-problemi li nqalgħu fl-applikazzjoni korretta tal-prezzijiet ta' dħul tal-importazzjonijiet ta' frott u ħxejjex mill-Marokk, qed isiru ineffikaċi għall-kategoriji oġhla, l-hekk imsejħa varjetajiet "baby", li jinbigħu bi prezzijiet ħafna oġhla, iżda jiġu attribwiti valur standard tal-prodott malli jidħlu fl-UE, kif inhu l-każ għat-tadam ċirasa; jitlob li l-Kummissjoni ttejjem din l-anomalija;
9. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li parti mill-frott u l-ħxejjex esportati bi preferenzi lejn l-Unjoni fl-ambitu tal-ftehim inkwistjoni (fosthom it-tadam u l-bettieħ) ġejja mit-territorju tas-Saħara tal-Punent, u jirrimarka li tfasslu proġetti ambizzjużi biex ikomplu

jiżviluppaw din il-produzzjoni u dawn l-esportazzjonijiet;

10. Jiddeplora l-inċertezza legali wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016; huwa mħasseb dwar l-inabbiltà tal-Kummissjoni li tipprovdi data affidabbli u dettaljata dwar l-importazzjonijiet preferenzjali ta' prodotti mis-Sahara tal-Punent li setgħu saru minn dik id-data, minkejja s-sentenza msemmija; jistaqsi kemm kien kbir id-dannu għall-baġit tal-UE mill-preferenzi li setgħu ingħataw mingħajr bażi legali valida matul dan il-perjodu; fin-nuqqas ta' biżżejjed informazzjoni komparattiva, jiddubita jekk il-Kummissjoni hijiex kapaċi tivvaluta sewwa l-impatt tal-ftehim il-ġdid propost, u għaldaqstant jitlob l-implimentazzjoni rapida tal-iskambju ta' informazzjoni prevista fl-iskambju ta' ittri;
11. Jieħu nota, madankollu, tal-kjarifika li ġab miegħu dan il-ftehim il-ġdid, u jittama li minn hawn 'il quddiem ikun jista' jipprovdi qafas ċar u stabbli bejn il-partijiet f'dan il-ftehim u għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran;
12. Jiddubita jekk id-distinzjoni li l-ftehim il-ġdid jagħmel bejn prodotti li joriġinaw fis-Sahara u dawk li joriġinaw fil-Marokk hijiex rilevanti mill-perspettiva tad-dwana u tal-kummerċ, mingħajr ma jitqiesu l-aspetti politiċi ovvji; jinnota, b'mod partikolari, li l-ebda allokkazzjoni tal-kwoti tariffarji previsti fil-ftehim inizjali mhija prevista fil-ftehim il-ġdid, u li, f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-preferenzi mogħtija mill-UE, mhi se tagħmel l-ebda differenza jekk il-prodotti jkunux ta' oriġini Sahrawi jew le;
13. Jinnota li l-monitoraġġ ta' prodotti agrikoli sensitivi u l-applikazzjoni stretta tal-kwoti huma fundamentali għall-funzjonament ibbilanċjat tal-ftehim; jirrimarka li, fl-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim tal-2012, hemm klawsola ta' salvagwardja li tagħmilha possibbli li jittieħdu miżuri xierqa meta importazzjonijiet ta' kwantitajiet kbar ta' prodotti agrikoli sensitivi bis-saħħa tal-ftehim iwasslu għal taqlib serju tas-suq u/jew dannu serju lill-industrija kkonċernata; jittama li l-importazzjonijiet bi preferenzi ta' prodotti agrikoli sensitivi fl-UE mill-Marokk u mis-Sahara tal-Punent fl-Unjoni jkunu soġġetti għal monitoraġġ f'loku u wiesgħa mill-Kummissjoni, u li din tal-aħħar tibqa' tibqa' lesta li tattiva l-klawsola msemmija fejn tqum hteġa stabbilita;
14. Jirrimarka li l-UE u l-Marokk, kif kien previst fil-ftehim inizjali tal-2012, innegozjaw ftehim ambizzjuż u komprensiv dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, li jipprevedi l-protezzjoni mill-Marokk tal-lista sħiħa tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni; jirrimarka wkoll, barra minn hekk, li l-proċedura għall-konklużjoni tal-ftehim, li bdiet fl-2015, kienet ġiet sospiża wara s-sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Diċembru 2016; jitlob li dik il-proċedura tissokta minnufih u tiġi kkompletata malajr kemm jista' jkun b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehim li dwaru qed tinħareġ din l-opinjoni.
15. Jitlob li l-Kummissjoni tiltaqa' mal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament kemm jista' jkun malajr biex tagħti preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni kurrenti tal-kummerċ agrikolu bejn l-UE u l-Marokk, inkluża valutazzjoni tal-impatt tal-ftehim fuq il-produtturi Ewropej, u b'mod partikolari fuq l-introjtu tal-bdiewa, kif ukoll preżentazzjoni dwar il-konklużjoni mistennija tal-ftehim dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.



**PROĊEDURA TAL-KUMITAT  
LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Titolu</b>	Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra
<b>Referenzi</b>	2018/0256M(NLE)
<b>Kumitat responsabbli</b>	INTA
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 13.9.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Michel Dantin 30.8.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.11.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 8 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, José Bové, Daniel Buda, Matt Carthy, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Martin Häusling, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Maria Gabriela Zoaň, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Angélique Delahaye, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Hilde Vautmans, Miguel Viegas, Thomas Waitz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>23</b>	<b>+</b>
ALDE	Ulrike Müller, Hilde Vautmans
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Anthea McIntyre
EFDD	John Stuart Agnew, Marco Zullo
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau
NI	Diane Dodds
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Angélique Delahaye, Albert Deß, Norbert Erdős, Peter Jahr, Norbert Lins, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Maria Gabriela Zoană

<b>8</b>	<b>-</b>
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez, Miguel Viegas
S&D	Maria Noichl
VERTS/ALE	José Bové, Martin Häusling, Thomas Waitz

<b>2</b>	<b>0</b>
EFDD	Giulia Moi
S&D	Eric Andrieu

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni